

**Emenda 143**

**Bogdan Rzońca, Izabela-Helena Kloc**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

A9-0290/2023

**Christian Ehler, José Manuel Fernandes**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

**Proposta għal regolament****Premessa 12***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(12) Id-Direttiva 2003/87/KE<sup>54</sup> jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti finanzjament addizzjonali **b'pakkett** finanzjarju għall-perjodu 2024-2027 ta' EUR 5 biljun. Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-investimenti f'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huwa kamp ta' applikazzjoni li għandu jiġi kopert minn STEP. Għalhekk, iż-żieda fil-volum tal-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tippermetti li jiġi pprovdut finanzjament li jwieġeb għall-oġettiv li jiġu appoġġati l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji **nodfa** kritiċi. F'konformità mal-oġettivi li tiġi żgurata l-koeżjoni u li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji **nodfa** madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali jenħtieġ li jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti **miftuħa** għal entitajiet minn Stati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkulata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

(12) Id-Direttiva 2003/87/KE<sup>54</sup> jenħtieġ li tiġi emendata biex tippermetti finanzjament addizzjonali **b'pakkett** finanzjarju għall-perjodu 2024-2027 ta' EUR 5 biljun **li għandhom jiġu provduti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni**. Il-Fond għall-Innovazzjoni jappoġġa l-investimenti f'teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huwa kamp ta' applikazzjoni li għandu jiġi kopert minn STEP. Għalhekk, iż-żieda fil-volum tal-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tippermetti li jiġi pprovdut finanzjament li jwieġeb għall-oġettiv li jiġu appoġġati l-iżvilupp jew il-manifattura fl-Unjoni ta' teknoloġiji kritiċi **b'emissjonijiet żero netti**. F'konformità mal-oġettivi li tiġi żgurata l-koeżjoni **ekonomika, soċjali u territorjali**, u li jiġi promoss is-Suq Uniku, u sabiex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp ta' teknoloġiji **żero netti** madwar l-Unjoni, il-pakkett finanzjarju addizzjonali jenħtieġ li jsir disponibbli permezz ta' sejħiet għal proposti, **fejn sal-31 ta' Diċembru 2025 75 % tal-pakkett jenħtieġ li jkun miftuħ** għal entitajiet minn Stati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkulata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017 **u 25 % għal entitajiet mill-Istati Membri kollha. L-assistenza teknika**

***lill-Istati Membri b'livell baxx ta' parteċipazzjoni, kif previst fl-aktar reviżjoni reċenti tad-Direttiva ETS jenħtieġ li tinżamm f'dawn is-sejħiet għal proposti kollha.***

---

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

---

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta hija bbażata fuq fehim milħuq mill-Kumitat ENVI (proporzjon 75/25) u t-test ITRE/BUDG.*

11.10.2023

A9-0290/144

## Emenda 144

**Bogdan Rzońca, Izabela-Helena Kloc**

f'isem il-Grupp ECR

## Rapport

A9-0290/2023

**Christian Ehler, José Manuel Fernandes**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")

(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

## Proposta għal regolament

### Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Minbarra l-kwoti msemija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' STEP ***imsemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2*** tar-Regolament .../... <sup>63</sup>. [***ir-Regolament dwar STEP***]. Dan il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa investimenti biss fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017

<sup>63</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu

#### *Emenda*

Minbarra l-kwoti msemija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' STEP ***għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif definit fi [Artikolu 3, punt (a)] tar-Regolament (UE) .../... [Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Nettij]. Sal-31 ta' Diċembru 2025, 75 % ta'*** dan il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa investimenti biss fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017 ***u 25 % fl-Istati Membri kollha.***

***Mill-1 ta' Jannar 2026, il-fondi mhux użati tal-pakkett finanzjarju għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġaw dawn l-investimenti fl-Istati Membri kollha.***

<sup>63</sup> Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu

sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

sħiħ u r-referenza tal-ĠU].

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta hija bbażata fuq ftehim milħuq mill-Kumitat ENVI (proporzjon 75/25) u t-test ITRE/BUDG.*